



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel, 27.4.2005
KUMM(2005) 170 finali

2003/0107 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE

dwar

**il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill fuq l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar il-ġestjoni ta' l-iskart mill-industriji ta' l-estrazzjoni**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE

dwar

il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill fuq l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni ta' l-iskart mill-industriji ta' l-estrazzjoni

1. SFOND

Data ta' meta l-proposta ntbagħtet lill-PE u lill-Kunsill (dokument KUMM(2003)319 finali 2003/0107 COD):	2.6.2003
Data ta' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	11.12.2003
Data ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	31.3.2004
Data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni:	12.4.2005

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-Proposta hu li jiġu stabbiliti ħtiġijiet minimi sabiex jitjieb il-mod kif inhu ġestit l-iskart mill-industriji ta' l-estrazzjoni. Iż-żewġ għanijiet tekniċi ewlenin tad-Direttiva proposta huma:

- li jitnaqqsu l-effetti fuq l-ambjent u s-saħħa umana ta' dranaġġ imniġġes minn faċilitajiet għall-ġestjoni ta' l-iskart (mniesel u għadajjar ta' l-iskart), li, minħabba l-volumi kbar u l-karatteristiċi ta' l-iskart involut, għandhom il-potenzjal li joħolqu impatti ambjentali li jinħassu għal żmien twil u li jibqgħu anki wara li kemm il-faċilità kif ukoll il-minjiera jew il-barriera tagħha ikunu ngħalqu; u
- li jkunu evitati l-inċidenti, jew jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti tagħhom, u b'mod partikolari li tkun żgurata l-istabbiltà ta' digi u għadajjar ta' l-iskart, meta jitqies li jekk diġa tinfaqa' tista' tinholqo ħsara ambjentali mifruxa li tinkludi riskji għall-ħajja tal-bniedem.

L-għanijiet tal-Proposta se jintlaħqu permezz ta' miżuri msejsa fuq l-Aħjar Teknoloġiji Disponibbli (*Best Available Technologies*) u li jkopru l-ippjanar, il-liċenzji, il-ħidma u l-għeluq u l-kura ta' wara eventwali ta' faċilitajiet għall-ġestjoni ta' l-iskart marbuta ma' l-industrija ta' l-estrazzjoni, b'énfasi partikolari fuq l-istabbiltà ta' tali faċilitajiet u l-prevenzjoni tat-tniġġis ta' l-ilma u l-ħamrija.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

3.1 Kummenti preliminari

Il-Kummissjoni aċċettat bis-sħiħ, parzjalment jew bi prinċipju, 46 minn 74 emenda proposta mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari tiegħu. 41 minn dawn l-emendi issa ddaħħlu, kelma b'kelma jew fl-ispirtu, fil-pożizzjoni komuni.

Il-Kummissjoni aċċettat l-emendi kollha li jagħmlu t-test iktar ċar f'sens legali, li jtejbu l-ambitu tal-Proposta f'dak li għandu x'jaqsam mal-firxa ta' materjali koperti, li jfittxu li l-ħidma ta' faċilitajiet ta' l-iskart titmexxa 'l-quddiem f'termini ta' sigurtà fit-tul permezz ta' sikkatura b'mod partikolari fuq l-għeluq u l-kura ta' wara, u dawk li jindirizzaw it-tniġġis f'siti storiċi.

Il-Kummissjoni ma aċċettatx emendi, b'mod partikolari dawk li kienu preskrittivi jew iddettaljati żżejjed jew li wessgħu sew il-firxa tal-Proposta.

Il-Kunsill fil-biċċa l-kbira qies l-emendi Parlamentari u għamel numru ta' bidliet oħra. Filwaqt li l-Kummissjoni kienet tippreferi ambitu usa' għad-Direttiva u b'hekk kienu jiġu evitati ħafna possibiltajiet għal derogi, partikolarment fir-rigward ta' iskart mhux perikoluż li mhux inert, hija tqis li l-Pożizzjoni Komuni kollha kemm hi ma tibdilx l-approċċ u l-għanijiet tal-Proposta u għalhekk tista' tappoġġjaha.

3.2 Kummenti ddettaljati

3.2.1. Emendi Parlamentari aċċettati mill-Kummissjoni u mdaħħla bis-sħiħ, parzjalment jew bi prinċipju fil-pożizzjoni komuni

L-emendi li ġejjin, li kienu aċċettati mill-Kummissjoni bis-sħiħ, parzjalment jew bi prinċipju, jistgħu jinsabu wkoll fil-pożizzjoni komuni: Emendi 2, 3, 5, 6, 7, 11, 12, 13, 14, 16, 17, 21, 25, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 35, 37, 39, 44, 47, 50, 51, 52, 57, 59, 60, 63, 66, 67, 70, 71, 72, 75, 76, 86, 93, 98.

3.2.2. Emendi Parlamentari mhux aċċettati mill-Kummissjoni u l-Kunsill u mhux imdaħħla fil-pożizzjoni komuni

L-emendi 4 u 8 jipproponu li jneħħu xi test li jipprovdi kjarifiki utli. Kien meħtieġ għalhekk li dan it-test jinżamm.

L-emendi 9, 90, 24, 38, 53, 61 u 64 jipproponu żidiet li ma tqisux meħtieġa għaliex ħafna minnhom kienu diġà koperti, espliċitament jew impliċitament, minn dispożizzjonijiet x'imkien ieħor fit-test attwali.

L-emendi 20 u 88 huma ta' natura lingwistika u ma tqisux meħtieġa.

L-emendi 22, 34, 40, 41, 48, 55, 56 u 74 pproponew żidiet li nħassu li kienu wisq iddettaljati biex jiġu inklużi f' direttiva.

L-emendi 43, 45 u 65 iżidu ma' dispożizzjonijiet li jindirizzaw skart mitfugħ lura fil-post tat-tħaffir, li mhuwiex fl-ambitu tal-Proposta.

L-emendi 58, 62 u 73 iżidu referenzi għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tapplika xorta waħda, kif meħtieġ.

L-emenda 69 tibdel il-kliem meħuda mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali minn Pajjiż għall-Ieħor (Konvenzjoni ESPOO)

3.2.3. *Emendi Parlamentari aċċettati bis-sħiħ, parzjalment jew bi prinċipju mill-Kummissjoni iżda mhux imdaħħla fil-pożizzjoni komuni*

L-emenda 19 tqieset li għandha natura lingwistika.

L-emenda 26 tagħmel énfasi fuq l-għażliet għall-ġestjoni ta' l-iskart li jeħtieġ li jitqiesu fil-pjan tal-ġestjoni ta' l-iskart. Minkejja li l-Kummissjoni tħoss li ż-żieda proposta tiċċara iktar it-test, il-Kunsill ħass li din ma għandhiex tiddaħħal għaliex hi wisq preskrittiva.

L-emenda 42 tipproponi li dispożizzjonijiet li japplikaw għal skart mqiegħed fil-ħofor ta' l-eskavazzjoni għandhom japplikaw ukoll għal residwi oħra tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni aċċettat din iż-żieda, bi kliem ftit differenti, sabiex tevita kull inċertezza legali fejn għandu x'jaqsam il-materjal mitfugħ lura. Madankollu, il-Kunsill qies li din hi kwistjoni li ma għandhiex x'taqsam ma' l-iskart u għalhekk mhijiex fl-ambitu ta' din il-Proposta.

L-emenda 46 tidentifika żoni protetti bħala fattur importanti li wieħed għandu jkwi meta jkun qed jintgħażel il-lok għal faċilità ta' l-iskart. Madankollu, il-ħtiġijiet tal-Komunità dwar żoni għall-ħarsien tan-natura għandhom xorta jitqiesu bħala xierqa.

L-emenda 54 tispeċifika li miżuri li jittieħdu għal faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa se jkollhom l-għan li jkunu konformi ma' l-istandards ambjentali tal-Komunità. Standards bħal dawn, madankollu, japplikaw xorta u din iż-żieda ma tqisitx bħala meħtieġa.

3.2.4. *Emendi Parlamentari mhux aċċettati mill-Kummissjoni u mdaħħla kollha, parzjalment jew bi prinċipju fil-pożizzjoni komuni*

Il-Kunsill iqis li l-Emendi 36 u 68 huma riflessi fil-pożizzjoni komuni. Il-Kummissjoni ma qisitx li hu meħtieġ li dawn l-emendi jiġu aċċettati minħabba li tħoss li l-kontenut tagħhom kien diġà mdaħħal fil-proposta tal-Kummissjoni.

3.2.5. *Bidliet oħra lill-Proposta mill-Kunsill*

Il-Premessi

Ħafna bidliet għandhom l-għan li jibdlu t-test sabiex jirrifletti l-bidliet varji li saru fl-artikoli. Barra minn hekk, il-bidliet li ġejjin huma mogħtija énfasi:

Fil-Premessa 4 hemm iċċarat li skart li joħroġ mill-fażi ta' żvilupp ta' qabel il-produzzjoni għandu jiġi kopert mid-definizzjoni ta' skart.

Fil-Premessa 6 hemm miżjuda referenza għad-definizzjoni ta' l-iskart ta' estrazzjoni.

Fil-Premessa 8 hemm iċċarat li leġiżlazzjoni oħra dwar l-iskart tapplika kif xieraq għal skart iġġenerat li mhux marbut ma' l-estrazzjoni, kif ukoll għal skart ta' l-estrazzjoni li nġarr f' post li mhuwiex faċilità ta' l-iskart ta' l-estrazzjoni.

Il-Premessa 11 il-ġdida żdiedet sabiex tiċċara li skart mill-estrazzjoni ta' materjali użati minħabba l-proprjetajiet radjuattivi tagħhom mhuwiex kopert mid-Direttiva jekk huwa diġà kopert minn leġiżlazzjoni taħt it-Trattat Euratom. Il-Kummissjoni tenfasizza li jekk wieħed jaqra l-Premessi 10 u 11 flimkien, wieħed jifhem li dan l-iskart mhux se jkun kopert minn din id-Direttiva dejjem jekk hemm leġiżlazzjoni Komunitarja oħra adottata skond it-Trattat Euratom li għandha l-istess għanijiet ambjentali u li tkopri sewwa l-aspetti li tkopri din id-Direttiva.

Il-Premessa 16 il-ġdida żdiedet sabiex tiċċara li l-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart f'Kategorija A mhux ser issir biss fuq il-bażi tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minħabba li din il-kwistjoni hija koperta minn leġiżlazzjoni oħra rilevanti.

Il-Premessa 23 il-ġdida żdiedet sabiex isir énfasi fuq il-ħtieġa li jkun hemm perjodu xieraq għall-kura ta' wara għas-sorveljanza u l-kontroll ta' faċilitajiet f'Kategorija A.

Il-Premessa 37 il-ġdida żdiedet sabiex tteġġeg l-Istati Membri juru l-korrelazzjoni bejn id-Direttiva u l-miżuri nazzjonali tagħhom għall-implimentazzjoni.

L-Artikoli

Fl-Artikolu 1 tiżdied l-énfasi fuq il-ħarsien ta' l-ilma, l-fawna, l-flora, l-ħamrija, l-arja u l-pajsaġġ.

Fl-Artikolu 2 l-injezzjoni ta' l-ilma u l-injezzjoni mill-ġdid ta' ilma tal-blat ippompjat ġew eżentati mill-ambitu b'mod analogu għad-Direttiva 2000/60/KE. Id-dispożizzjonijiet limitati li japplikaw għal skart inert (u li issa, wara l-Emenda 98, ikopru wkoll il-ħamrija u l-iskart mhux imniġġsa minn operazzjonijiet ta' tiftix) ġew estiżi sabiex ikopru d-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 5. Skart mill-estrazzjoni tal-*peat* sar ukoll suġġett ta' dawn id-dispożizzjonijiet limitati. Madankollu, kien speċifikat li faċilitajiet ta' Kategorija A ta' skart bħal dan ser ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva. Ingħatat il-possibilità lill-awtoritajiet kompetenti li jnaqqsu l-ħtiġijiet li japplikaw għal skart mhux perikoluż li joħroġ mit-tiftix, kif ukoll għal ħamrija u skart mhux imniġġsa mill-estrazzjoni tal-*peat*. Barra minn hekk, inħolqot kategorija ġdida għal skart mhux inert li mhux perikoluż u l-Istati Membri jistgħu jeżentawha mid-dispożizzjonijiet dwar garanziji finanzjarji (l-Artikolu 14) u dwar notifikazzjoni ta' avvenimenti li jaffettwaw l-istabbiltà (Art. 11(3) and 12(5) u 6)), sakemm mhux f'faċilità mill-Kategorija A bħal hawn fuq.

Fl-Artikolu 3 ġew miżjuda d-definizzjonijiet għal 'ħamrija mhux imniġġsa', 'off-shore', 'tiftix' u 'bidla sostanzjali'. Parzjalment fil-passi ta' l-Emenda 21, iddaħħal approċċ differenzjat għad-definizzjoni ta' 'faċilità ta' l-iskart' skond ir-riskji involuti għal kull tip ta' skart, filwaqt li kien speċifikat li din id-definizzjoni tinkludi wkoll ħofor ta' l-eskavazzjoni li fihom l-iskart ġie mitfugħ lura mhux għal raġunijiet ta' rijabilitazzjoni jew bini. Kien speċifikat li r-responsabbiltà ta' operatur tkopri wkoll il-ħażna temporanja ta' l-iskart.

Fl-Artikolu 4 il-ħtiġijiet ġenerali ġew estiżi sabiex ikopru l-ġestjoni kollha ta' l-iskart, inkluż matul ħażna temporanja, u ddaħħal l-Artikolu 4 kollu tad-Direttiva 75/442/KE.

Fl-Artikolu 5, il-ħtiġijiet dwar il-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet ta' l-iskart tressqu mill-Artikolu 7 sabiex isiru parti mill-pjan ta' ġestjoni ta' l-iskart. Paragrafu ġdid ġie miżjud li jeħtieġ li l-pjan jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

Fl-Artikolu 6 ġie speċifikat meta l-arranġamenti varji għal meta jseħħ inċident serju għandhom ikunu disponibbli.

Fl-Artikolu 9 s-sistema ta' klassifikazzjoni għall-faċilitajiet ta' l-iskart ġiet issimplifikata u l-kriterji rilevanti stipulati fl-Anness III ġew aġġustati għad-definizzjoni ta' 'inċident serju'.

Fl-Artikolu 11 ġew miżjuda bosta elementi oħra li għandhom jitqiesu għal-lok tal-faċilità ta' l-iskart.

Fl-Artikolu 13 il-valuri għal-limitu tal-konċentrazzjoni ta' Ċjanur (cyanide) għall-faċilitajiet ġodda tnaqqsu għall-iktar livell baxx possibbli.

Fl-Artikolu 14 ġie speċifikat li l-garanziji finanzjarji jistgħu jinkludu wkoll sistemi ekwivalenti. Il-Kummissjoni tisħaq li kull sistema bħal din, fi kwalunkwe forma li tkun, għandha tiżgura d-disponibbiltà ta' biżżejjed fondi f'kull ħin sabiex isir ix-xogħol ta' rijabilitazzjoni f'każ ta' falliment jew prassi "walk away" ta' l-operatur. Il-ħtiġijiet ta' Responsabbiltà Ambjentali ġew inklużi f'artikolu separat li jispeċifika li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva rilevanti se japplikaw għal-ġestjoni kollha ta' l-iskart ta' estrazzjoni.

Fl-Artikolu 20 ġew stipulati l-prijoritajiet għall-ħidmiet li għandhom jiġu żviluppati permezz ta' proċedura ta' kumitat u l-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' skart inerti ġiet miżjuda ma' dawn il-ħidmiet.

Fl-Artikolu 22 ġiet miżjuda dispożizzjoni ġdida għall-faċilitajiet ta' l-iskart li ma għadhomx jirċievu skart fid-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva imma għadhom ma lestewx il-proċeduri ta' għeluq.

L-Annessi

Fl-Anness III ġew mibdula l-kliem ta' l-ewwel inċiż sabiex tinholq konnessjoni mad-definizzjoni ta' 'inċident serju' kif stipulat fil-Proposta.

4 KONKLUŻJONI

Il-bidliet introdotti mill-Kunsill jgħinu sabiex it-termini tal-Proposta jkunu ċċarati u fiwaqt li jnaqqsulha xi ftit l-ambitu ma jnaqqsx mill-forza globali tagħha. Il-Kummissjoni tista', għalhekk, tappoġġja l-Pożizzjoni Komuni.